# Fondazzjonijiet marbutin mal-Festa Titulari

*Kitba ta' Mario Gatt*

Kif rajna f'dawn l-aħħar snin, fil-ktejjeb tal-festa titulari nkitbu diversi artikli dwar opri fil-knisja kif ukoll drawwiet marbutin mal-festa. Tkellimna dwar kappelli dedikati lill-Assunzjoni tal-Madonna, kif ukoll l-artali dedikati lilha. Eżempju minnhom kien fil-parroċċa l-qadima f'Birmiftuħ, fejn barra mit-titular fil-knisja kien hemm żewġ artali oħra maħturin lill-Assunta. Rajna wkoll kif f'nhar il-festa kienu jingħataw xi ikliet lis-sagristan u lil xi nies fqar tar-raħal. Il-lum ser naraw naħa oħra tal-festa.




*Mappa ta' Ħal Kirkop li turi l-post magħruf bħala Ta' l-Aħfar.*

Il-festa ta' Santa Marija hija waħda mill-festi kbar tal-knisja. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa jibdew minn ħmistax-il jum qabel, mill-31 ta' Lulju. F'dawn il-ħmistax-il jum, fil-knisja jsiru ċelebrazzjonijiet partikulari. Il-lum il-kwindiċina qed tkun iċċelebrata b'mod li aktar jagħti sehem lin-nies kollha tar-raħal, kuljum ikun organizzat minn u għal kategorija ta' Gudjani, bħalma huma żgħażagħ, fratellanzi, abbatini, każini u għaqdiet, anzjani, koppji miżżewwġin friski u oħrajn.

Għalkemm dari ċ-ċelebrazzjonijiet ma kinux isiru bħal-lum, kienu jsiru xorta waħda, u kienu jibqgħu sejrin sa ġimgħa fuq il-festa. Billi r-raħal minn dejjem kien wieħed b'popolazzjoni ċkejkna, spiss kien ikun hemm id-diffikultà biex jinġabru l-ispejjeż. L-antenati tagħna kienu ħasbu biex itaffu xi ftit l-ispejjeż tal-festa wkoll. Il-knisja tar-raħal għandha numru ġmielu ta' legati. Uħud minnhom huma marbutin ma' xi artal partikulari, quddies anniversarju b'suffraġju għal fundatur tal-legat, oħrajn marbutin ma' xi fratellanza, oħrajn marbutin ma' xi għajnuna lill-fqar tar-raħal kif ukoll dota lil xi tfajliet fqar, u rbit ma' għadd kbir ta' opri tal-knisja u ż-żamma tagħhom[1] .

Fl-1615 is-Sinjura Mattia Ellul armla ta' Benedettu, bint il-mejjet Blasju minn Ħal-Kirkop, fl-atti tan-Nutar Mario Calleja waqqfet fondazzjoni biex issir quddiesa letta fil-knisja parrokkjali (dak iż-żmien f'Birmiftuħ) nhar l-Assunta, biex jitħallsu d-drittijiet lill-kappillan u li jibqa' jitqassam lill-fqar. Il-piż ta' din il-fondazzjoni kien fuq għalqa f'post magħruf bħala Ta' l-Aħfar[2].

Fl-1763 Dun Tumas Zammit, fit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Giovanni Farrugia, waqqaf fondazzjoni biex kull sena jsiru tliet quddisiet letti fil-jum solenni ta' l-Assunta fil-knisja parrokkjali tal-Gudja, li tagħha hija titular. Ried ukoll li ta' kull sena, fil-jum tal-Assunta u fit-tieni u t-tielet jum fuq l-Għid il-Kbir, jinġabu żewġ konfessuri barranin. Ħalla wkoll biex jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt u fil-festi kollha tal-Madonna. Biex jagħmel tajjeb għall- ħlas ta' din il-fondazzjoni ħalla piż fuq għalqa msejħa Ta' Żnied fl-inħawi Taż-Żonqor[3].

Fl-1766 fl-atti tan-Nutar Gio. Francesco Farrugia, insibu lil ċertu Giacomo Zammit li fit-testment tiegħu obbliga lill-eredi biex mir-renti ta' l-assi ereditarji titwaqqaf fondazzjoni li fost affarijiet

oħra kien hemm l-obbligu ta' erba' quddisiet kantati, waħda f'nhar San Ġużepp, oħra f'nhar l-Ottava ta' l-Assunta, oħra fl-Għid ta' l-Imwiet u oħra jum fuq il-Milied. Dak li jibqa' kellu jitqassam lil xi nies foqra fil-Gudja[4].

Legat ieħor antik ħafna li twaqqaf fil-knisja parrokkjali l-qadima (f'Birmiftuħ) jikkonsisti f'għasar kantat u quddiesa letta f'nhar l-Assunta jew fl-ottava, biex jinxtegħel il-lampier tal-kappella nhar ta' Sibt u għotja ta' karità lil sitta minn nies fqar tar-raħal. Il-piż jinsab fuq art tal-knisja ta' Birmiftuħ b'benefiċċju tal-kappillan u l-istess kappillan kellu l-obbligu li jwettaq ir-rieda ta' din il-fondazzjoni[5].



Fl-1770 insibu fondazzjoni oħra b'irbit mal-festa titulari. Pietru Zammit, bħala parti minn din il-fondazzjoni, ħalla piż ta' ħmistax-il skud fuq l-għalqa msejħa Tal-Misraħ f'Ħal Tarxien, għall-festa ta' Santa Marija tal-Gudja[6] .

Fondazzjoni oħra b'depositu ta' 100 skud li tirrendi 3 skudi fis-sena għall-festa ta' Santa Marija, twaqqfet minn Evangelista Schembri fit-testment tagħha li sar fl-1841 fl-atti tan-Nutar Troisi Memville[7].

Ma' dawn il-ftit legati li semmejt, hemm ħafna oħrajn li ftit jew wisq għandhom xi rabta mal-festa ta' Santa Marija. Fosthom insibu l-fondazzjoni mwaqqfa minn Marija Carmela Formosa biex jitħallas il-predikatur tal-paneġirku li jsir waqt il-quddiesa solenni fil-15 t'Awissu[8].

Legati oħrajn li nsibu marbutin ma' din il-festa huma mifruxin fuq il-jiem kollha tal-kwindiċina. Il-quddies kantat, waħda kuljum tul il-kwindiċina kollha kien ċelebrat skond dawn il-fondazzjonijiet – Anġlu Dalli l-ewwel u t-tieni, Salvu Portelli it-tielet, Carmela Dalli r-raba', Francesca Grixti il-ħames, Francesco Abela is-sitta u s-seba', Margherita Seychel it-tmienja u d-disa', Nicola Theuma l-għaxra u l-ħdax, Giuseppe Dalli it-tnax u t-tlettax, Giovanna Bonnici l-erbatax, u Stefano Zammit il-ħmistax-il quddiesa kantata nhar l-aħħar jum tal-kwindiċina fl-14 t'Awissu[9].

Illum il-popolazzjoni tar-raħal kibret mhux ħażin, l-ispejjeż tal-festa kibru wkoll u bil-kontribuzzjonijiet ġenerużi kull sena qed ikollna festa kif xieraq lil Santa Marija patruna tar-raħal tagħna. Il-fondazzjonijiet li tkellimna dwarhom qabel, il-lum huma biss wirt storiku u turija ta' fidi ta' missirijietna. Dawn kollha kienu jipprovdu xi ftit skudi, li għal dawk iż-żminijiet kien jiswew ħafna, iżda meta tqabbel skud ma' tmien ċenteżmi u tliet milleżmi tal-lum, wieħed jifhem malajr kemm kienet differenti l-ħajja madwar tliet mitt sena ilu. M'hemmx għalfejn wieħed imur 'il bogħod daqstant, meta tqis li l-ħlas ta' jum xogħol fir-raba jew fil-barrieri jew fuq il-braken tal-faħam, madwar mitt sena ilu kien xelin (5 ċenteżmi).

---

[1]A.P.Gudja. Legati Diversi.
[2]A.P.Gudja. Diversi Legati annessi alla Veneranda lampade della Gudia.
[3]A.P.Gudja. Libro Legato Sac. Tommaso Zammit. Legati annessi alla Ven Lampade.
[4]A.P.Gudja. Libro Pia fondazione Giacomo Zammit, Casal Gudia.
[5]A.P.Gudja. Diversi Legati annessi alla Veneranda lampade della Gudia. Legato su i terreni della Cappella.
[6]A.P.Gudja. Libro Legato Pietro Zammit – Gudia.
[7]A.P.Gudja. Diversi Legati annessi alla Veneranda lampade della Gudia.
[8]A.P.Gudja. Legato Mons Paolo Malia Quindici Sabati Rosario, Legato M'Carmela Formosa, Legato Elisa Mallia, Legato M'Assunta Dalli – Libro XII.
[9]A.P.Gudja. Mese coantate nella Quindicina di Santa Maria, libro XIV.